MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 114/2011

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Orazey Pulis, iben Benedict, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Novembru, 1990, Karta ta’ l-Identita numru 54690(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli bejn is-17 u l-24 ta’ Settembru, 2011 ġewwa Ħaz-Zabbar u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, xjentement xtara jew laqa’ għandu oġġett misruq u ciioe’ senter tal-għamla St. Etienne, bin-numru tas-serje 512525, li l-valur tiegħu ma jeċċedix il-€2,329.4 meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħu jew imuxxieh;

2.  talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u cioe' senter tal-kaċċa tal-għamla St. Etienne, bin-numru tas-serje 512525, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal ts-seduta tat-23 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Minbarra, dan tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €230.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------